# K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 9-11

**Data: 24** ta' Ottubru 2011

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti.

Il-Minuti tas-seduta nru; 8.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsillier Roderick Mizzi.

## 2. Punti mqajjma mill-Minuti:-

2.1 Bus Shelter.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill ircieva ittra mill-Professur Ian Refalo, l-avukat ghall-Fenco Ltd fejn huwa f'isem il-klijienti tieghu qieghed jitlob sabiex tinqala jew ticcaqlaq il-palma li hemm fejn kien il-Bus Shelter f'Misrah Arcisqof Gonzi. L-ittra ghaddiet ghand l-Avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi skond l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu li dik il-palma m'hix tostakola l-garaxx in kwistjoni u li jekk din il-palma tinqala mill-post ezistenti taghha din tmut. Ghalhekk din ghandha tithalla fil-post li qieghda fih. L-ittra ghaddiet ghand l-Avukat tal-Kunsill sabiex jirrispondi skond l-approvazzjoni tal-Kunsill.

2.2 Is-servizz tat-trasport pubbliku.

Il-Kunsill qabel li tintbghat l-ittra u kopja tal-petizzjoni li ntbghatet mir-residenti, lir-rapprezentant tal-Arriva u lil Transport Malta.

2.3 Dwar iz-Zebra Cross fi Triq il-Missjoni Taljana – Is-Sindku qal li l-Club tal-Football ghamel talba sabiex il-Kunsill jiffinanzja l-Gwardjan nhar ta' Sibt u xi drabi anke l-Hadd. Is-

Sindku ressaq it-talba ghall-Kunsill u qal li peress li l-ispiza titla ghal ammont konsiderevoli huwa ppropona sabiex minflok jintuzaw jew tabelli jew dwal li jitpoggew mat-Triq. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku. Dwar il-privates tal-iskola, huwa qal li ghandha ssir talba lil Transport Malta ghall-pelican lights fejn hemm ic-Central Strip kantuniera ma Triq il-Luqqata. Il-Kunsilliera Maria Sultana staqsiet sarux xi proposti mill-Kunsill qabel issir it-Triq mill-gdid minn Transport Malta. Is-Sindku qal li ghadhom m'humiex fl-istadju tad-diskussjonijiet.

2.4 Applikazzjoni ghall-Urban Improvement Funds.
Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni li ghamel il-Kunsill ghall-isqaq l-Ixprunara l-kuntrattur ordna l-materjal tal-lava mill-Italja.

3 **<u>Komunikat mis-Sindku.</u>**

3.1 Kuntratt tal-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq.
Is-Sindku qal li peress li l-periodu li tohrog offerta gdida mir-Regjun huwa fil-vicin, mhux ideali li johorgu offerti godda. Ghalhekk ghandha tintbghat ittra lid-Direttur ghall-gvern lokali bhala gwida sabiex jigi estiz il-kuntratt ezistenti.

3.2 <u>Gemellagg.</u>
Il-Kunsill ircieva l-clearance sabiex il-grupp Taljan li ghalih ghamilna l-applikazzjoni tal-UE jkun jista jinqasam f'zewg gruppi ta' 26persuna il-wiehed. Ghalhekk issa ghandha tigi finalizzata t-talba ghall-Co-financing.

3.3 <u>Xogholijiet.</u>
3.3a Funtana tax-Xatt - Is-Sindku qal li l-funtana waslet fl-istadju finali taghha billi ser jitpoggew il-pjanti fuq barra u ssir is-sistema tad-dawl fuq gewwa.

3.3b Xoghol ghall-iskola primarja- Huwa qal li l-bankijiet issa lesti u ser jinzebghu bil-kuluri tal-qawsalla. Il-Kunsilliera Maria Sultana ipproponiet sabiex dawn jinzebghu mit-tfal. Is-Sindku qal li bi qbil mal-Kap tal-iskola ghandu jithalla bank wiehed sabiex jinzeba mit-tfal.

3.3c Cimiterju tal-Lhud – Is-Sindku qal li beda jitnaddaf ic-Cimiterju tal-Lhud.

3.3d Il-Vici Sindku Norbert Grech ippropona sabiex jitfasslu l-parking bays fit-toroq. Is-Sindku qal li qabel jitfasslu irid ikun hemm l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Huwa qal ukoll li meta jibda jaqleb it-temp jibdew isiru dawk ta' Triq Antonio Falzon, Triq il-Hbit mill-Ajru u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Wara isiru postijiet ohrajn.

3.3e Il-Kunsilliera Speranza Chircop ipproponiet li tinbidel is-sistema tad-dawl fir-rampa ta' fuq iz-zuntier.

**4. Korrispondenza.**

4.1 Fiera tas-Salvatur.

Il-Kappillan bghat ittra fejn qieghed jinforma lill-Kunsill li ser terga tigi organizzata il-Fira tas-Salvatur u talab l-ghajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel b'vot unanimu li jaghti l-ghajnuna tieghu fejn jista'.

4.2 Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

Il-Kunsill waslitlu ittra t'informazzjoni li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ser inaqqas ammont mill-allokazzjoni minhabba li l-estimi finanzjarji ghas-sena 2010 ma waslux fiz-zmien stipulat mill-istess dipartiment. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa ser jikkontesta dan it-tnaqqis minhabba li dan mhuwiex minnu.

4.3 Xewkija Boatyard.

Is-Sindku qal li gew ikellmuh xi membri mill-ghaqda tax-Xewkija boatyard fejn dawn infurmawh li huma waqqfu bord u li fih qieghda nintalab mizata fis-sena ghall-ispejjez tal-manutenzjoni tal-area tax-Xewkija. Huma qalu wkoll li l-area ser tibda tigi organizzata u jridu li l-Kunsill jghin f'din l-organizazzjoni.
Il-Kunsill qabel li sabiex il-Kunsill jghin f'din l-organizazzjoni, dejjem ghandha tinghata priorita lin-nies Kalkarizi u li l-bord ghandu jkollu l-maggoranza tal-membri Kalkarizi.

4.4 Skema ta' Rigenerazzjoni f'oqsma tal-Binjiet tal-Gvern.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Awtorita tad-Djar qassmet il-programm tal-Progett, skond l-applikazzjoni li kien ghamel il-Kunsill. Ix-xoghol ghandu jibda billi ssir spezzjoni fuq il-blokki tal-binjiet tal-Gvern sabiex jigu evalwati liema blokki ghandhom isiru b'din l-iskema.

4.5 Island Car Club.

Giet proposta mill-Island Car Club sabiex issir attivita HillClimb fil-Kalkara. Il-Vici Sindku ser jiltaqa mar-rapprezentanti tal-Island Car Club u jinforma lis-Sindku bid-dettalji tal-proposta ghal din l-attivita'.

**5. Jum il-Kalkara**

Jum it-tfal tal-iskola isir il-Gimgha fid-9 ta' Dicembru 2011, is-Sindku qal li Smart City ser jospitaw 50 tifel u tifla mill-iskola Primarja sabiex idawwruhom mal-blokk il-gdid.

**6. Pjan t'Attivitajiet ghas-Sena 2012**

Is-Sindku ppropona sabiex kull kunsillier jibghat il-proposti tieghu u jitfassal il-programm ta' sena shiha.

**7. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 09-11.

**8. Aggornament**

7.1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:

a. Isir rapport sabiex jintefa l-valenu tal-grieden fl-area ta' Triq Santu Rokku u fi Triq Ganni Raimondu. Dan normalment isir kif jaqleb it-temp minhabba li bix-xita ma jkollux l-effett mehtieg.

b. Hemm hafna bins neqsin fejn il-bus stops.

c. Titpogga skip ohra minflok dik li tkissret fi Triq il-Missjoni Taljana. Is-Sindku qal li din ghandha titqieghed fil-jiem li gejjin.

d. Staqsiet jekk hux ser terga titpogga ohra fit-telgha tar-Ricasoli fejn il-Married Quarters. Is-Sindku qal li mhux possibli li l-Kunsill ikompli jixtri skips godda biex dawn jitpoggew fejn isir l-abbuz minn nies barra l-lokal.

e. Fi Triq Santa Filumena fil-parti t'isfel tat-triq hemm il-hajt tal-bricks li nqaleb u qieghed perikoluz. Ghandhom jigu infurmati l-Mepa dwar dan l-abbuz.

7.2 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:

a. Attivita fid-9 ta' Novembru 2011 fejn issir Quddiesa u zjara fic-Cimiterju.

b. Attivita fis-16 ta' Novembru 2011 li ser issir talk fuq l-anzjani u l-persuni b'dizabilita'.

Is-seduta ghalqet fit-8.30 ta' filghaxija.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |

**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

## Seduta nru 10/11

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar l-Erbgha 30 ta' Novembru 2011 fil-5.30 ta' filghaxija fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikat mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Jum il-Kalkara
6. Centru Civiku
7. Applikazzjoni ghall-Bini ta' Garaxx
8. Applikazzjoni ghall-kiri ta' garaxx
9. Approvazzjoni tal-lista ta' pagamenti u xogholijiet
10. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Is-Seduta miftuha ghall-attendenza tal-pubbliku